RETTIFIKA

Rettifika għar-Regolament (UE) 2016/426 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir li jaħraq karburanti gassużi u li jħassar id-Direttiva 2009/142/KE

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 81 tal-31 ta' Marzu 2016)

F'paġna 131, l-Anness II jinbidel bl-anness fil-paġna mehmuża.

"*ANNESS II*

KONTENUT TAL-KOMUNIKAZZJONIJIET TAL-ISTATI MEMBRI DWAR IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-PROVVISTA TAL-GASS

1. Il-komunikazzjonijiet tal-Istati Membri lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn stipulati fl-Artikolu 4 għandu jkollhom il-kontenut li ġej:

(a)	(i) valur Kalorifiku Gross (GCV) f'MJ/m^3	Minimu/Massimu;
	(ii) Indiċi Wobbe f'MJ/m^3	Minimu/Massimu;
(b)	Kompożizzjoni tal-gass skont il-volum f'% tal-kontenut totali:	
	— kontenut C1 sa C_5 f'% (somma)	Minimu/Massimu;
	— kontenut ta' N_2 + CO_2 f'%	Minimu/Massimu;
	— kontenut ta' CO f'%	Minimu/Massimu;
	— kontenut ta' HC mhux saturat f'%	Minimu/Massimu;
	— kontenut ta' idroġenu f'%	Minimu/Massimu;
(c)	Informazzjoni dwar il-komponenti tossiċi li jinsabu fil-karburant gassuż.	

Dik il-komunikazzjoni għandha tinkludi wkoll waħda minn dawn li ġejjin:

(a)	pressjoni tal-provvista fil-bokka tat-tagħmir f'mbar:	Nominali/Minima/Massima;
(b)	(i) pressjoni tal-provvista fil-punt ta' kunsinna f'mbar:	Nominali/Minima/Massima;
	(ii) telf ammissibbli tal-pressjoni fl-installazzjoni tal-gass tal-utent finali, f'mbar:	Nominali/Minima/Massima;

2. Il-kundizzjonijiet ta' referenza għall-indiċi Wobbe u l-Valur Kalorifiku Gross għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a)	temperatura ta' referenza tal-kombustjoni:	15 °C;
(b)	temperatura ta' referenza għall-kejl tal-volum:	15 °C;
(c)	pressjoni ta' referenza għall-kejl tal-volum:	1 013,25 mbar."